Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,347, 2 ta' Novembru, 1984
Taqsima B

A.L. 49 ta' l-1984

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 51)

Regolamenti ta' l-1984 dwar it-Taqsimiet Specjali tar-Reġistru u l-Elenku ta' l-Infermieri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 66 ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru tas-Saħħa, bil-parir tal-Bord ta' l-Infermieri u l-Qwiebel għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejjħu r-Regolamenti ta' l-1984 dwar it-Taqsimiet Speċjali tar-Reġistru u l-Elenku ta' l-Infermieri.

Taqsimiet speċjali tar-Reġistru ta' l-Infermieri.

2. Għar-Reġistru ta' l-Infermieri għandu jkun hemm taqsimiet speċjali li jissejħu kif ġej:

(a) Reġistru ta' Infermieri kwalifikati fl-infermerija ta' pazjenti li jbatu b'mard tal-moħħ. (Infermieri Reġistrati għal dawk morda b'moħħhom);

(b) Reġistru ta' Infermieri kwalifikati fl-infermerija ta' pazjenti inkapaċitati mentalment. (Infermieri Reġistrati għall-Inkapaċitati Mentalment);

(ċ) Reġistru ta' Infermieri kwalifikati fl-infermerija ta' tfal morda. (Infermieri Reġistrati għal tfal morda).

Taqsimiet speċjali ta' l-Elenku ta' l-Infermieri.

3. Għall-Elenku ta' l-Infermieri għandu jkun hemm taqsimiet speċjali li jissejħu kif ġej:

(a) Elenku ta' Infermieri kwalifikati fl-infermerija ta' pazjenti li jbatu b'mard tal-moħħ. (Infermieri Elenkati għal dawk morda b'moħħhom);

(b) Elenku ta' Infermieri kwalifikati fl-infermerija ta' pazjenti inkapaċitati mentalment. (Infermieri Elenkati għall-Inkapaċitati Mentalment);

(ċ) Elenku ta' Infermieri kwalifikati fl-infermerija ta' tfal morda. (Infermieri Elenkati għal tfal morda).